PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/2175(INI)

20.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-finanzjament fuq terminu twil tal-ekonomija Ewropea
(2013/2175(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Joachim Zeller

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq l-importanza essenzjali ta' finanzjament kapitali fit-tul għall-effikaċja tal-politika reġjonali tal-UE; jenfasizza fl-istess waqt, fid-dawl tad-differenzi kbar bejn ir-reġjuni rigward id-disponibbiltà ta' krediti għan-negozju, ir-rwol li għandhom il-Fond Strutturali u l-Fond tal-Investiment biex iġibu 'l quddiem it-tkabbir u l-impjiegi fit-tul; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li tali finanzjament jintuża b'mod effiċjenti;

2. Jilqa' s-suġġeriment tal-Kummissjoni li d-disponibbiltà ta' kapital tal-investiment għandu jsir anqas dipendenti fuq is-self tradizzjonali mill-banek kummerċjali, li rriżulta li huwa suxxettibbli għall-kriżijiet; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jaċċeleraw il-promozzjoni tal-Unjoni Bankarja, sabiex il-banek jerġgħu jibdew jiffinanzjaw l-ekonomija reali u jiffaċilitaw il-ħtiġijiet ta' investiment privat u pubbliku, mingħajr ma wieħed jinsa li ħafna banek, rikapitalizzati minn fondi pubbliċi, naqsu milli joffru assistenza finanzjarja lill-SMEs u investimenti fil-livell reġjonali u lokali;

3. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni f'bosta Stati Membri, fejn il-banek kummerċjali għadhom jimponu kundizzjonijiet diffiċli wisq għall-finanzjament ta' investimenti, b'mod notevoli għall-mikronegozji u għall-SMEs u speċjalment għal dawk imwaqqfa miż-żgħażagħ, b'tali mod li ma ħallewx li l-mikroentitajiet u l-entitajiet iż-żgħar, b'mod partikolari, jirċievu sostenn; jara ħtieġa, għalhekk, għal sorsi oħra ta' finanzjament, partikolarment biex jinqdew ir-rekwiżiti ta' kreditu tal-SMEs; jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjoni *ex-ante* u *ex-post* fil-leġiżlazzjoni relevanti intiża biex tgħin lill-SMEs jiksbu aċċess għal finanzjament;

4. Jenfasizza r-rwol li għandhom il-banek kooperattivi fil-finanzjament tal-SMEs, tal-ekonomija soċjali kif ukoll tal-investimenti reġjonali u lokali fuq skala żgħira;

5. Jistieden lill-Istati Membri biex iwarrbu ostakli u restrizzjonijiet li jistgħu jipprevjenu l-aċċess ta' kooperattivi u intrapriżi soċjali għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, u biex joħolqu ambjent favorevoli għal investimenti sostenibbli fl-innovazzjoni ekoloġika u soċjali u l-ħolqien tax-xogħol fil-ivell lokali u reġjonali;

6. Jenfasizza r-rwol ta' istituzzjonijiet reġjonali ta' finanzjament bi struttura deċentralizzata, li, anki waqt il-kriżi finanzjarja, baqgħu joffru finanzjament affidabbli lill-ekonomiji reġjonali u lokali, u jissottolinja li dawn korpi reġjonali u lokali ta' dan it-tip, li wħud minnhom huma strutturati bħala kooperattivi, għandhom jissaħħu; jirrimarka, barra minn hekk, l-importanza tal-opportunitajiet ta' mikrokreditu u d-disponibbiltà ta' finanzjament alternattiv għal mikrointrapriżi, għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għandhom jitqiegħdu fuq quddiem nett tal-istrateġiji ta' rkupru mill-kriżi u tal-għanijiet fit-tul tal-UE;

7. Jilqa' l-użu akbar ta' fondi rotanti fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss tal-politika ta' koeżjoni, fid-dawl tar-restrizzjoniiet fuq il-finanzjamnent pubbliku u l-vantaġġi ta'

effiċjenza assoċjati ma' dawn il-forom ta' għajnuna li jitħallsu lura; jilqa' wkoll il-fatt li qed jinfetħu għall-oqsma kollha ta' attività koperti bil-Fondi Strutturali;

8. Jirrimarka li l-użu ta' strumenti finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni, speċjalment fir-rigward tal-SMEs, għandu jiġi intensifikat fil-ġejjieni, peress li jista' jiggarantixxi fondi rotanti, irawwem sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u jikseb effett multiplikatur bil-baġit tal-UE;

9. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex l-aċċess tal-SMEs għal finanzjament bankarju u mhux bankarju jkun iffaċilitat, fid-dawl tal-fatt li l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-SMEs huma elementi ċentrali tal-politika reġjonali fi żminijiet ta' kriżi;

10. Jenfasizza l-ħtieġa, fl-istess waqt, jeħtieġ li, kull fejn ikun possibbli, jibqgħu disponibbli wkoll sussidji diretti li ma jitħallsux lura, għax b'hekk l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar strument adatt jew l-aktar taħlita ta' strumenti adatti biex jaqdu l-ħtiġijiet partikolari tagħhom; huwa tal-fehma li l-kriterji li jridu jiġu ssodisfati fil-każ ta' soluzzjonijiet imfassla apposta m'għandhomx ikunu aktar stretti minn dawk li japplikaw għal strumenti standard ta' finanzjament tal-UE;

11. Jitlob li l-użu ta' strumenti ta' finazjament ikun soġġett għal proċessi eżawrjenti ta' rappurtar, monitoraġġ u awditjar, madankollu bla ma l-vantaġġ ċentrali tal-istrumenti rotanti jisfa mxejjen bl-impożizzjoni ta' rekwiżiti ġodda u addizzjonali; jesnfasizza, f'dan ir-rigward, in-natura speċifika ta' strumenti finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni, li ġeneralment jiffinanzjaw proġetti f'reġjuni anqas żviluppati u f'reġjuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet ekonomiċi, bil-għan li jtejbu s-sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq u investimenti subottimali, jiġifieri ma jiffukawx biss fuq il-prospetti ta' profitt fuq perjodu qasir iżda wkoll fuq benefiċċji soċjoekonomiċi kbar;

12. Jitlob li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-komunikazzjoni u r-relazzjoni tagħha mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fir-rigward ta' self imfassal apposta u skemi ta' garanzija; iħeġġeġ lill-BEI biex jaħdem aktar mill-qrib mal-Istati Membri u mar-reġjuni b'rabta mal-implimentazzjoni, min-naħa tagħhom, ta' strumenti finanzjarji ġodda mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, u biex ikompli jsostni l-istrateġiji ta' investiment tagħhom immirata lejn is-settur soċjoekonomiku; barra minn hekk, jistieden lill-BEI biex jikkunsidra wkoll il-possibbiltà ta' flessibbiltà akbar fit-tfassil tad-daqs u r-regoli ta' dan is-self imfassal apposta u skemi oħra relatati, b'tali mod li jkunu kompatibbli kemm jista' jkun mal-istrumenti finanzjarji offruti permezz tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-finanzjament adatt ta' imprendituri żgħażagħ u impriżi soċjali;

13. Jitlob li, fil-leġiżlazzjoni u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, tingħata aktar attenzjoni għan-natura speċifika tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-muniċipalitajiet u r-reġjuni jistgħu jkunu sew investituri fit-tul fis-swieq finanzjarji kif ukoll, fl-istess waqt, miri ta' investiment.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Iosif Matula, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Ovidiu Ioan Silaghi, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Catherine Grèze, Juozas Imbrasas, Karin Kadenbach, James Nicholson, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Czesław Adam Siekierski, Michael Theurer, Derek Vaughan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carl Schlyter